ID-DIPARTIMENT GĦALL-KURRIKULU,
TAGĦLIM TUL IL-ĦAJJA U IMPJEGABILITÀ
Id-Direttorat għall-Programmi ta' Tagħlim u Assessjar
It-Taqsima tal-Assessjar Edukattiv

**Karta Mudell 2020**

| Ir-Raba' Sena | IL-MALTI (Il-Fehim mis-Smigħ) | Il-Ħin: 30 minuta |
|---|---|---|

# Il-Karta tal-Għalliema
# Gwida għat-Tmexxija tal-Eżami tal-Fehim mis-Smigħ

1. Qassam il-karti bil-mistoqsijiet u itlob lit-tfal jiktbu isimhom, kunjomhom u l-klassi. Ibda r-rikording u ara li kulħadd qed jisma'. L-iskript jinqara darbtejn.

2. F'każ li r-rikording ma jaħdimx, aqra l-iskript kollu bil-mod u b'leħen ċar kemm tista'. L-iskript **aqrah darbtejn**, kwarta kull darba.

***Tfal, tistgħu tibdew taqraw il-mistoqsijiet f'qalbkom. Għandkom 5 minuti. Tiktbu xejn.***

**(Wara 5 minuti)**
***Issa se naqralkom silta qasira. Isimgħu sew għax wara tridu twieġbu l-mistoqsijiet fuqha. Is-silta u l-mistoqsijiet se jinqraw darba, nagħtikom iċ-ċans twieġbu, u wara terġgħu tisimgħu s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba.***

***Waqt li qed tisimgħu s-silta tistgħu tibdew twieġbu l-mistoqsijiet. Fl-istess ħin, iżda, ibqgħu attenti għal dak li qegħdin tisimgħu.***
***Is-silta se tinqara issa.***

## Marco Polo

Marco Polo twieled żmien ilu ġewwa Venezja u huwa msemmi għall-vjaġġi twal li għamel. Hu stess qalilna x'ra u ma' xiex iltaqa' fi ktieb li kiteb.

Polo kien jgħix waħdu għax ommu mietet meta hu kien għadu żgħir. Missieru u zijuh darba siefru 'l bogħod fuq ġifen kbir. Meta għaddew għaxar snin u dawn iż-żewġt irġiel ma ġewx lura, Marco ħaseb li ġralhom xi ħaġa. Qata' qalbu li jerġa' qatt jarahom.

Jum wieħed, meta Marco kellu ħmistax-il sena, missieru u zijuh ġew lura d-dar għal għarrieda. Feraħ bihom u stagħġeb mhux ftit bl-istejjer li qalulu fuq il-pajjiżi tal-bogħod li kienu żaru. Marco Polo xtaq li hu wkoll xi darba jmur f'dawn l-artijiet imbiegħda fejn l-Ewropej ma kinux rifsu. Xewqtu qatagħha għax, meta sentejn wara missieru u zijuh reġgħu baħħru, ħaduh magħhom.

Meta waslu l-Palestina ħallew il-ġifen u komplew il-vjaġġ bl-art. Iltaqgħu ma' serbut twil ta' iġmla jġorru avorju, ħarir u ħaġar prezzjuż. Qasmu deżerti kbar jikwu fix-xemx tisreġ u muntanji għoljin ibajdu bis-silġ. Għaddew minn bliet u rħula u ltaqgħu ma' nies lebsin kostumi differenti u jitkellmu b'lingwi li ma jinftehmux. Fl-aħħar waslu fiċ-Ċina u s-Sultan Kubla Khan innifsu laqagħhom fil-palazz kbir tiegħu.

Marco Polo issa kien sar żagħżugħ fuq tiegħu u intelliġenti. Is-Sultan żammu miegħu u għamlu wieħed mill-ministri. Dam miegħu għal madwar ħmistax-il sena u ġera mal-imperu kollu tiegħu u ltaqa' ma' ħafna sitwazzjonijiet differenti.

Wara dawn is-snin kollha, Marco Polo u missieru reġgħu lura Venezja. Il-Venezjani bilkemm riedu jemmnu l-istejjer tiegħu għax ħadd ma kien għadu qatt ma sema' b'dawn l-artijiet fil-bogħod.

(https://www.britannica.com/biography/Marco-Polo)

* * *

***Issa li smajtu din is-silta, se naqralkom il-mistoqsijiet fuqha. Waqt li qed naqralkom il-mistoqsijiet tistgħu tkomplu taħdmu t-tweġibiet.***

***Mela, issa se naqralek Taħriġ A.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal fil-kaxxa t-tajba.***

***In-numru wieħed:*** Din is-silta hija dwar missier Marco Polo. ***Veru jew falz?***

***In-numru tnejn:*** Missieru u zijuh marru dawra madwar Malta. ***Veru jew falz?***

***In-numru tlieta:*** Sentejn wara li ġew lura missieru u zijuh, hu mar magħhom. ***Veru jew falz?***

***In-numru erbgħa:*** Matul il-vjaġġ iltaqgħu ma' għadd kbir ta' iġmla. ***Veru jew falz?***

***In-numru ħamsa:*** Is-Sultan żammu miegħu għal madwar 15-il sena. ***Veru jew falz?***

***In-numru sitta:*** Il-Venezjani xtaqu jmorru huma wkoll iċ-Ċina. ***Veru jew falz?***

***Issa se ngħaddu għal Taħriġ B.***
***Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.***

***In-numru wieħed:*** L-ewwel post li jissemma fis-silta huwa

a) Venezja.
b) l-Palestina.
ċ) ċ-Ċina.

***In-numru tnejn:*** L-iġmla kienu qed iġorru ħarir, avorju u

a) bnedmin.
b) ħaġar prezzjuż.
ċ) ġebel.

***In-numru tlieta:*** Is-Sultan laqagħhom

a) fir-renju tiegħu.
b) fil-palazz il-kbir tiegħu.
ċ) fil-kamra personali tiegħu.

***In-numru erbgħa:*** Is-Sultan Kubla Khan laħħqu

a) membru tal-kunsill.
b) messaġġier.
ċ) ministru.

***In-numru ħamsa:*** Meta kien iċ-Ċina, Marco Polo kien

a) tfajjel.
b) żagħżugħ.
ċ) anzjan.

***In-numru sitta:*** Il-Venezjani bilkemm riedu jemmnu

a) l-istejjer ta' Marco Polo.
b) l-ħrejjef ta' Marco Polo.
ċ) ċ-ċajt ta' Marco Polo.

*Issa se ngħaddu għal Taħriġ Ċ. Imla l-vojt b'kelma waħda skont is-sens tas-silta.*

*In-numru wieħed:*

Feraħ bihom u __________ mhux ftit bl-__________ li qalulu fuq il-pajjiżi tal-bogħod li kienu żaru.

*In-numru tnejn:*

Marco Polo xtaq imur f'dawn l-artijiet imbiegħda fejn l-Ewropej qatt ma kienu ____________.

*In-numru tlieta:*

Fiż-żmien li Marco Polo għamel iċ-Ċina, huwa ġera mal-___________ ta' Kubla Khan.

*Issa wasalna għall-aħħar taħriġ, it-Taħriġ D. Poġġi fl-ordni skont is-sens tas-silta.*

| L-istorja | In-numru |
|---|---|
| Polo huwa magħruf għall-vjaġġi twal li għamel fl-Asja. | 1 |
| Ta' sbatax-il sena mar ma' missieru u zijuh f'artijiet imbiegħda. | |
| Kubla Khan tah kariga importanti. | |
| Qasmu deżerti kbar u muntanji għoljin. | |
| Meta kien għadu żgħir kienet mititlu ommu. | |

*Issa se terġgħu tisimgħu s-silta u l-mistoqsijiet. Intom tkunu tistgħu tiċċekkjaw it-tweġibiet tagħkom u timlew fejn ħallejtu vojt.*

* * *

**Wara li jinstemgħu s-silta u l-mistoqsijiet għat-tieni darba, agħti ħames minuti lit-tfal biex tara li jkunu lestew it-tweġibiet tagħhom. Fl-aħħar tista' tgħid:**

*Grazzi! L-eżami tas-smigħ spiċċa.*